Public

**14 t'Ottubru 2023**

**Stqarrija għall-istampa**

# Ċelebrazzjoni ta' Proġetti Ewropej Matul l-#ErasmusDays!

Madwar id-dinja, bejn id-9 u l-14 ta' Ottubru 2023, saru aktar minn 9600 avveniment biex tiġi ċċelebrata l-edizzjoni tal-2023 tal-#ErasmusDays. Għall-ewwel darba, minn kemm ilhom isiru, għal din is-sena, dawn il-jiem ta' ċelebrazzjoni tal-Programm Erasmus+ fl-Ewropa u lil hinn infirxu fuq kważi ġimgħa sħiħa. Għal din is-seba' edizzjoni, il-mobilità internazzjonali u ċ-ċittadinanza Ewropea reġgħu kienu għal darb'oħra fil-qalba tal-#ErasmusDays. Iċ-ċelebrazzjoni turi lokalment dak li l-Unjoni Ewropea toffri liċ-ċittadini. F'Malta ġew organizzati 12-il avveniment differenti, fosthom konferenzi, webinars u laqgħat, esebizzjonijiet, sessjonijiet ta' informazzjoni u qsim ta' testimonjanzi.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, b'kollaborazzjoni mad-Drama Unit, organizza flash-mob imwettaq minn studenti Maltin involuti fi proġett, li kien segwit minn preżentazzjoni tal-proġett u intervisti fit-toroq ma' ġenituri, turisti u nies fil-qrib dwar is-suġġett ta' prattiċi u skambju kulturali/artistiku lokali.

L-Università ta' Malta organizzat attività bl-isem ta' Erasmus+ Experiences, fejn matul dan l-avveniment, ġew ippreżentati testimonjanzi ta' benefiċjarji tal-passat li ntwerew fuq skrins diġitali li tqiegħdu strateġikament f'postijiet ewlenin madwar il-kampus bejn id-9 u l-14 ta' Ottubru.

L-Istitut tal-Istudji Turistiċi, permezz tad-Dipartiment tal-Erasmus+ fi ħdan l-istess istitut, organizza Online European Union Trivia li kienet miftuħa għall-istudenti tal-ITS biss. Din l-attività kienet mifruxa mit-Tnejn 9, sal-Ġimgħa, 13 t'Ottubru. L-aqwa 5 parteċipanti tat-Trivia, abbażi tal-punteġġ miksub, ingħataw premju kull wieħed. L-Istitut tal-Istudji Turistiċi organizza wkoll logħob għall-istaff u l-istudenti. Kulħadd kien imħeġġeġ biex jipparteċipa u jissoċjalizza. Il-benefiċċji u l-importanza tal-mobbiltà tal-Erasmus+ kienu enfasizzati u tqassmu xi freebies ukoll.

Birdlife Malta ħadu sehem fl-MCAST Freshers' Week, fejn ramaw bankarella biex jippromwovu r-rwol tal-programm Erasmus+ fit-trawwim tal-volontarjat taż-żgħażagħ fil-qasam ambjentali f'Malta. Dan kollu sar ukoll bħala parti mill-attivitajiet tal-proġett "It's Time".

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija organizza numru ta' sessjonijiet ta' informazzjoni għall-istudenti u l-persunal biex jipprovdilhom ħarsa ġenerali tal-opportunitajiet ta' mobilità disponibbli taħt il-Programm Erasmus+.

Saru wkoll attivitajiet mill-iskola St Joseph Mater Boni Consilii, VisMedNet Association, AquaBioTech Group, St Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary School, B&P Emerging Technologies Consultancy Lab Ltd u Zeal Internships Malta.

Ta' kull sena, l-#ErasmusDays dejjem qed isiru aktar popolari u bis-saħħa tal-promozzjoni u l-involviment tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ imxerrdin f'pajjiżi diversi, l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea (DGEAC) u tal-Parlament Ewropew, dawn il-jiem ta' ċelebrazzjoni qed ikomplu jwasslu l-Erasmus+ fost in-nies.

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea